**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2017**

Numru 11

**Rikors Guramentat Nru. 179/2017**

**Avukat Clayton Fenech bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Cantiere Navale Rossi**

**vs**

**Gemini Yachting Limited ta' 26-28 Athol Street, Douglas IM1 1JB, Isle of Man kif rapprezentata f'Malta minn Equiom (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-27 ta' Frar 2017 li jghid hekk:

1. Illi l-esponent huwa debitament awtorizzat jaghmel dan ir-rikors u jikkonfermah bil-gurament ghan-nom tas-socjeta rikorrenti Cantiere Navale Rossi srl permezz ta' prokura specjali moghtija lilu mill-istess socjeta iffirmata mid-direttur taghha fit-22 ta' Frar 2017 (kopja hawn annessa u mmarkata CF1) u d-dikjarazzjonijiet minnu rnaghmula u kkonferrnati f'dan ir-rikors huma ibbazati fuq fatti u cirkostanzi hekk kif dedotti lilu mill-mandanti tieghu.

2. Illi fis-sena 2016 is-socjeta intimata ikkummissjonat lis-socjeta rikorrenti ghal xoghlijiet fuq il-bastiment Lady in Blue, proprjeta tas-socjeta intimata u irregistrat taht il-bandiera Maltija bin-numru ta' registrazzjoni 11926, liema xoghol gie debitament ipprestat mis-socjeta rikorrenti u accettat mis-socjeta intimata Gemini Yachting Limited kif jixdhu d-dokumenti hawn annessi u intitolati (1) Return and Acceptance

Protocol datat 7 ta' Mejju 2016 (immarkat CF2) u (2) Works Ledger datat 31 ta' Ottubru 2016 (immarkat CF3).

3. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ghal-hlas tal-ammont dovut, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti, u naqset li thallas ukoll wara li l-partijiet lahqu ftehim ghal-hlas bin-nifs, liema ftehim is-socjeta intimata ma onoratx, bil-konsegwenza li tilfet il-beneficcju tat-terminu.

4. Illi in vista tas-suespost, fil-21 ta' Dicembru 2016 is-socjeta rikorrenti talbet u ottjeniet mit-Tribunale di Lucca gewwa l-Italja, il-hrug ta' mandat kawtelatorju numru 2529/16 kontra l-bastiment Lady in Blue, u dan in kawtela tad-dritt ta' hlas fl-ammont ta' mitejn u wiehed u sittin elf, disa' mija u sitta u tletin ewro u dsatax-il centezmu (€261,936.19) oltre spejjez u interessi.

5. Illi l-mandat kawtelatorju imsemmi gie rez ezekuttiv nhar is-27 ta' Dicembru 2016 mill-istess Tribunale di Lucca li ddikkjarat lis-socjeta intimata debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' mitejn u wiehed u sittin elf, disa' mija u sitta u tletin ewro u dsatax-il centezmu (€261,936.19) oltre spejjez u interessi.

6. Illi fl-1 ta' Frar 2017, fuq talba tas-socjeta rikorrenti, l-istess Tribunale di Lucca ordna l-arrest ezekuttiv tal-bastiment Lady in Blue pendenti l-proceduri ghal-bejgh tal-istess bastiment f'kaz illi tali kreditu jibqa' mhux saldat jew ma tigix depozitata somma ekkwivalenti fir-registru tal-qrati Taljani fiz-zmien li titlob il-ligi Taljana (kopja legali tad-decizjoni relattiva flimkien ma' traduzzjoni ghal-lingwa Ingliza hawn annessi u mmarkati CF4).

7. Illi sallum is-socjeta intimata ghadha ma halsitx l-ammont minnha dovut fl-intier tieghu u ma ddepozitat l-ebda ammont kif mitlub mil-ligi Taljana.

8. Illi jekk is-socjeta intimata tbiegh jew titrasferixxi l-bastiment Lady in Blue, li jidher li huwa l-uniku assi tas-socjeta intimata, jew xi sehem fih, tezisti l-probabilta kbira li, f'dik l-eventwalita s-socjeta rikorrenti ma tkunx tista' tenforza d-decizjoni tat-Tribunale di Lucca, u ghalhekk id-drittijiet tas-socjeta rikorrenti mhumiex assigurati.

9. Illi jezisti r-riskju li s-socjeta intimata tipprova titrasferixxi l-bastiment lil terzi persuni qabel mas-socjeta rikorrenti ma jkollha l-opportunita li tissalvagwardja d-drittijiet taghha billi tipprocedi bil-bejgh tal-bastiment taht l-awtorita tal-qorti taljana imsemmija.

10. Illi r-rikorrenti nomine ghalhekk ghandha interess li tikkawtela d-drittijiet taghha.

11. Illi ai termini tal-artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili din l-Onorabbli Qorti tista' tordna li ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment u/jew negozju tal-bastiment Lady in Blue jew ta' xi sehem fih; li ma ssir ebda registrazzjoni ta' mortgage jew ipoteka fuq il-bastiment Lady in Blue; u li ma jinhareg ebda deletion certificate mir-registratur tal-bastimenti merkantili, u dan sakemm tigi ezawrita l-procedura Taljana.

12. Illi artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jispecifika illi l-pretensjoni trid tkun rigward dritt f'bastiment jew dwaru jew parti minnu li taqa' taht is-subinciz numru 10 tal-istess artikolu.

12. IIIi I-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti tirrigwarda hlas ghal-xoghlijiet u servizzi pprestati lill-istess bastiment u ghalhekk tinkwadra ruhha f'dak Ii jipprovdu l-artikolu 37(10)(v) taI-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u l-artikolu 742B(p) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Ii jelenka dawk l-pretensjonijiet in rem) u cioe, "kull pretensjoni rigward il-kostruzzjoni, il-kostruzzjoni mill-gdid, it-tiswija, il-konverzjoni jew l-ekwipaggar ta' vapur".

13. IIIi ghaldaqstant jezistu r-rekwisiti kollha stipulati mill-artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili sabiex din l-Onorabbli Qorti taghti I-ordnijiet minnha mitluba ai termini tal-istess artikolu,

14. IIIi s-socjeta Equiom (Malta) Limited hija r-rapprezentant gudizzjarju tas-socjeta intamata ai termini tar-regolament numru 7(1)(c) tar-Regolamenti dwar Bastimenti Ii jikkwalifikaw ghal Registrazzjoni (L.S. 234.23 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, ir-rikorrent nominee umilment jitlob IiI din I-Onorabbli Qorti sabiex ai termini ta' artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, joghgobha:

1. Tordna Ii ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment, u/jew negozju tal-bastiment Lady in Blue, registrar fir-Registru tal-Bastimenti Merkantili ta' Malta bin-numru ta' registrazzjoni 11926, jew ta' xi sehem fih.

2. Tordna illi ma ssir ebda registrazzjoni ta' mortgage jew ipoteka fuq I-istess bastiment Lady in Blue jew hrug ta' ebda deletion certificate relatat mieghu.

3. Tordna Ii I-eventwali ordni hekk moghtija tigi notifikata lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili f'Malta sabiex pendenti l-proceduri kollha relatati, inkluz dawk fl-Italja, huwa jigi mizmum milli jirregistra kwalsiasi bejgh jew trasferiment jew negozju tal-bastiment Lady in Blue jew ta' xi sehem fih, jew milli jirregistra kwalsijasi mortgage jew ipoteka fuq I-istess bastiment Lady in Blue jew milli johrog kwalunkwe deletion certificate relatat mieghu.
Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta konvenuta kif rapprezentata mid-difensur legali taghha iddikjarat li mhiex ser tipprezenta risposta;

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

L-attur qed jivvanta drittijiet ta’ hlasijiet fil-konfront tas-socjeta konvenuta relatati mal-bastiment Lady in Blue koperti b’mandat kawtelatorju mit-Tribunale di Lucca, illum res ezekuttiv mill-istess Tribunal f’ordni tas-27 ta’ Dicembru 2016 u wara talba tas-

socjeta rikorrenti l-istess Tribunal ordna l-arrest ezekuttiv tal-bastiment pendenti proceduri ta’ bejgh jekk il-kreditu ma jigix saldat. Dan id-debitu sallum mhux saldat. Is-socjeta rikorrenti ghandha azzjoni in rem a bazi tal-artikolu 742B(p) tal-Kap. 12 u artikolu 37(10)(v) tal-Kap. 234.

Ghalhekk minghajr ma tidhol fil-mertu tal-korrettezza tal-ammonti mitluba hemm lok ghall-azzjoni ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 u kwindi t-talba attrici hi gustifikata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-tabiet attrici fis-sens li ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment, u/jew negozju tal-bastiment Lady in Blue, registrar fir-Registru tal-Bastimenti Merkantili ta' Malta bin-numru ta' registrazzjoni 11926, jew ta' xi sehem fih, kif ukoll li ma ssir ebda registrazzjoni ta' mortgage jew ipoteka fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda deletion certificate u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tordna notifika lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur